# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Gunju 2002**

**Numru 2**

**Avviz numru 269/02mm**

**Elektra Limited**

**vs**

**FAMA (Distributors) Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef u mitejn lira Maltin u hamsin centezmu (Lm4,200.50) dovuta mis-socjeta' konvenuta bhala hlas ta' merkanzija mibjugha lis-socjeta' konvenuta mis-sojceta' attrici fuq ordni ta' l-istess socjeta' konvenuta kif jirrizulta mid-dokumenti annessi dok "A".

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mit-23 ta' Novembru, 2001, sad-data tal-pagament

effettiv, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-ligi kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-3 ta' Gunju, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.